I

(Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet)

OPINJONIJIET

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

OPINJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-11 ta' Ottubru 2012

li tirrigwarda l-pjan għar-rimi ta' skart radjuattiv li jirriżulta miż-żarmar tal-Impjant tal-Enerġija Nukleari Bugey-1, li jinsab fi Franza, skont l-Artikolu 37 tat-Trattat Euratom

(It-test bil-Franċiż biss huwa awtentiku)

(2012/C 308/01)

Il-valutazzjoni t'hawn taħt qed titwettaq skont id-dispożizzjonijiet tat-Trattat Euratom, mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe valutazzjoni addizzjonali li trid titwettaq skont it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-obbligi li joħorġu minnu u minn leġiżlazzjoni sekondarja ([1]).

Fl-4 ta' Mejju 2012, il-Kummissjoni Ewropea rċiviet mingħand il-Gvern Franċiż, skont l-Artikolu 37 tat-Trattat Euratom, Dejta Ġenerali li tirrigwarda l-pjan għar-rimi ta' skart radjuattiv li jirriżulta miż-żarmar tal-Impjant tal-Enerġija Nukleari Bugey-1.

Abbażi ta' din id-dejta, u wara li kkonsultat il-Grupp ta' Esperti, il-Kummissjoni fasslet l-opinjoni li ġejja:

1. Id-distanzi bejn l-impjant tal-enerġija Bugey-1 u l-eqreb fruntiera ma' Stat Membru ieħor huma 117-il km għall-Italja u 226 km għall-Ġermanja.

2. Matul operazzjonijiet normali ta' żarmar, l-iskariki ta' effluwenti likwidi u gassużi radjuattivi ma jwasslux għall-esponiment tal-popolazzjoni fi Stat Membru ieħor, li jkun sinifikanti mil-lat ta' saħħa.

3. Skart radjuattiv solidu jinħażen temporanjament fis-sit qabel ma jiġi ttrasferit għal faċilitajiet liċenzjati ta' trattament jew ta' rimi li jinsabu fi Franza. Ma hemm l-ebda pjan għall-esportazzjoni ta' skart radjuattiv barra minn Franza.

4. Il-Kummissjoni tirrakkomanda li l-kontrolli tal-konċentrazzjoni tal-attività residwa, imwettqa biex tiġi kkonfermata n-natura konvenzjonali tal-iskart solidu wara d-dekontaminazzjoni, ikunu tali li tiġi żgurata l-konformità mal-kriterji tal-approvazzjoni stabbiliti fid-Direttiva dwar l-istandards bażiċi ta' sigurtà (id-Direttiva 96/29/Euratom).

5. Fil-każ ta' rilaxxi mhux ippjanati ta' effluwenti radjuattivi, li jistgħu jseħħu wara xi aċċident tat-tip u d-daqs ikkunsidrati fid-Dejta Ġenerali, id-doża li x'aktarx jaslu għand il-popolazzjoni fi Stat Membru ieħor ma jkunux sinifikanti mil-lat ta' saħħa.

([1]) Pereżempju, skont it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, l-aspetti ambjentali għandhom jiġu vvalutati aktar. B'mod indikattiv, il-Kummissjoni tixtieq tiġbed l-attenzjoni għad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2011/92/UE dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent, id-Direttiva 2001/42/KE dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti pjanijiet u programmi fuq l-ambjent, kif ukoll id-Direttiva 92/43/KEE dwar il-konservazzjoni tal-ħabitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa u d-Direttiva 2000/60/KE li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma.

Bħala konklużjoni, il-Kummissjoni hi tal-opinjoni li l-implimentazzjoni tal-pjan għar-rimi ta' skart radjuattiv fi kwalunkwe għamla li jirriżulta miż-żarmar tal-Impjant tal-Enerġija Nukleari Bugey-1, li jinsab fi Franza, kemm waqt it-tħaddim normali kif ukoll fil-każ ta' aċċident tat-tip u d-daqs ikkunsidrati fid-Dejta Ġenerali, x'aktarx li ma tirriżultax f'kontaminazzjoni radjuattiva, li tkun sinifikanti mil-lat ta' saħħa, tal-ilma, tal-ħamrija jew tal-ispazju tal-ajru ta' Stat Membru ieħor.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Ottubru 2012.

Għall-Kummissjoni
Günther OETTINGER
Membru tal-Kummissjoni